Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 106/2006

**Richard Buttiġieġ;**
**Martin Buttiġieġ f'ismu proprju kif ukoll għan-nom ta' Liza Grech;**
**Francis Buttiġieġ għan-nom ta' Frances Crawley;**
**Marianne Maramieri; u**
**Evelyn Caruana**

**vs**

**Angelo Buttiġieġ;**
**Assunta Buttiġieġ; u**
**L-Avukat Dottor Mario Scerri illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Novembru 2006 inħatar bħala kuratur deputat**
**sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Michael Buttiġieġ u Joseph Buttiġieġ**

**Illum l-Erbgħa, 6 ta' Frar 2013**


Qrati tal-Gustizzja

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta’ l-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremetttew illi:

1. Illi fl-għoxrin (20) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija sitta u tmenin (1986) miet fil-Qala Għawdex Paul Buttiġieġ, iben il-mejjet Angelo Buttiġieġ u Carmen magħrufa bħala maria nee’ Curmi, imwieled il-Qala Għawdex u dan kif jidher mill-anness ċertifikat tal-mewt tiegħu (Dok A);

2. Illi fit-tlettax (13) ta’ Novembru tas-sena disa’ mija sitta u tmenin (1986) mietet fil-Qala Għawdex Rosa Buttiġieġ, armla ta’ Paul Buttiġieġ, bint il-mejtin Joseph Camilleri u Maria nee’ Mizzi, imwielda n-Nadur Għawdex u dan kif jidher mill-anness ċertifikat tal-mewt tagħha (Dok B);

3. Illi l-imsemmija Paul u Rosa konjuġi Buttiġieġ mietu intestati u għalhekk wirtuhom skond il-liġi fi kwoti indaqs bejniethom it-tmien uliedhom, aħwa Buttiġieġ u ċioe’:- Richard, Martin, Liza Grech, Rita Cassar, Angelo, Michael, Joseph u Assunta, aħwa Buttiġieġ;

4. Illi waħda mill-imsemmija werrieta u ċioe’ Rita Cassar, mietet fil-wieħed u tletin (31) ta’ Jannar 2002 (Dok C) u wirtuha t-tlett uliedha Frances Crawley, Marianne Maramieri u Evelyn Caruana;

5. Illi r-rikorrenti bħala eredi ta’ l-imsemmija Paul u Rosa konjuġi Buttiġieġ ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta’ komunjoni għar-rigward ta’ l-eredita’ tal-ġenituri tagħhom;

6. Illi l-intimati għalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal din id-diviżjoni bonarja, dawn baqgħu inadempjenti;

7. Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Taħtar amministratur sabiex jamministra l-beni ipposjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia' esistenti bejn l-imsemmija Paul u Rosa konjuġi Buttiġieġ billi jiġi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

3. Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi partikolari tal-konjuġi Buttiġieġ;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Paul Buttiġieġ billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Paul Buttiġieġ fi tmien porzjonijiet li jiġu assenjati waħda kull waħda lit-tmien ulied ta' l-istess Paul Buttiġieġ jew is-superstiti tagħhom;

6. Kemm-il darba jirriżulta li l-beni ta' l-imsemmi Paul Buttiġieġ jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ ta' l-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi pperċepit ugwalment bejn it-tmien ulied ta' l-istess Paul Buttiġieġ jew is-superstiti tagħhom;

7. Tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmija Rosa Buttiġieġ billi jiġi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-oħra kollha mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

8. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Rosa Buttiġieġ fi tmien porzjonijiet li jiġu assenjati waħda kull wieħed lit-tmien ulied ta' l-istess Rosa Buttiġieġ jew is-superstiti tagħhom;

9. Kemm-il darba jirriżulta li l-beni ta' l-imsemmija Rosa Buttiġieġ jew uħud minnhom ma humiex diviżibbli tordna l-bejgħ ta' l-istess b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi ppreċepit ugwalment bejn it-tmien ulied ta' l-istess Rosa Buttiġieġ jew is-superstiti tagħhom;

10. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u assenjazzjoni ta' leġittima f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjes kontra l-intimati.

L-intimati huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2006 fejn innominat lill-Avukat Dottor Mario Scerri bħala kuratur sabiex jirrapresenta lill-imsiefrin Michael Buttiġieġ u Joseph Buttiġieġ.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti Angelo Buttiġieġ u Assunta Buttiġieġ, li eċċepew:

1. Illi f'dan il-każ m'hemmx lok għall-ħatra t'amministratur stante li l-amministratur m'għandux beni li huma in komun x'jamministra, u għaldaqstant mal-ħatra tkun qiegħed iżżid l-ispejjeż inutilment;

2. Illi fil-mertu huma m'humiex qegħdin jopponu għad-diviżjoni kif mitluba bil-kundizzjoni pero li jiġu verifikati l-konsistenzi tal-assi, jiġu assenjati l-legati u tiġi stabilita l-kwota ta' kull parti;
3. Salv risposti oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta ġuramentata ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi l-eċċipjenti mhuwiex edott mill-fatt li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant jirriżerva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt in

kontestazzjoni tat-talbiet attriċi wara li jiġi provdut lili l-indirizz fl-esteru tal-konvenuti minnu rappreżentati u jirnexxielu jikkomunika magħhom u jsir jaf aħjar mingħandhom x'inhi l-kontestazzjoni o memo tagħhom;

2. Illi dwar id-diviżjoni li qed tintalab, għandha qabel xejn tiġi verifikata l-konsistenza tal-assi in diviżjoni kif ukoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet mill-wirtijiet formanti l-meritu tar-Rikors;

3. Illi finalment l-eċċipjenti jirrimetti ruħhu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi kollha li jiġu miġbura;

4. Illi l-ispejjeż tal-kuratur għandhom jiġu akkollatti lill-atturi;

5. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' April 2007 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku sabiex jiddeskrivi u jistima l-proprjeta' in diviżjoni.

Rat ir-relazzjoni tiegħu ppresentata fl-14 ta' Diċembru 2007 minnu maħlufa fl-1 ta' Frar 2008.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2011 fejn il-proċess ġie rimess lill-perit tekniku sabiex "*jiddentifika b'mod ċar l-artijiet in kwistjoni fuq il-pjanti minnu esebiti*."

Rat il-verbal ta' l-Avukat Dottor Angele Formosa ta' l-istess ġurnata fejn f'isem l-atturi rrinunzjat għall-pretensjonijet fuq ir-raba "tal-Muxi" rreġistrat fuq is-soċjeta' "Road Construction Limited" mar-Reġistru ta' l-Artijiet.[1]

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku ppresentata fil-15 ta' April 2011 u minnu maħlufa fl-4 ta' Novembru 2011.

---

[1] Ara Dok.RB a fol. 72 tal-process

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2012 fejn ħalliet il-kawża ghal-lum għas-sentenza.

Ikkunisdrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni ereditarji tal-mejtin Paul u Rosa konjuġi Buttiġieġ, ġia ġenituri jew nanniet rispettivi tagħhom.

Il-konjuġi Buttiġieġ mietu ntestati u għalhekk il-wirt tagħhom jgħaddi skond il-liġi fuq uliedhom kollha fi kwoti ndaqs bejniethom. Huma kellhom tmint itfal, u ċioe': l-atturi Richard Buttiġieġ, Martin Buttiġieġ, Liza Grech, u l-mejta Rita Cassar li wirtuha ulieda l-atturi Frances Crawley, Marianne Maramieri u Evelyn Caruana; kif ukoll il-konvenuti: Angelo Buttiġieġ, Maria Assunta Buttiġieġ, Michael Buttiġieġ u Joseph Buttiġieġ. Dawn għalhekk imisshom wieħed minn tmien (1/8) partijiet indiviżi tal-beni ereditarji tal-ġenituri tagħhom kull wieħed/waħda minnhom, ħlief għal ulied Rita Cassar li jmisshom wieħed minn erba' u għoxrin (1/24) parti kull waħda.

L-ewwel talba tirrigwarda l-ħatra ta' amminisratur ai termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap.16. Billi pero' l-atturi baqgħu qatt ma nsistew għal din il-ħatra, u fi kwalunkwe każ, tenut kont il-konsistenza ta' l-assi in diviżjoni, u peress li lanqas ma deher li kien hemm il-ħtieġa għaliha, din it-talba fl-ebda stadju tal-kawża ma ġiet milqugħa.

Mill-provi miġbura mill-perit tekniku jirriżulta li l-imsemmi Paul Buttiġieġ kellu dawn il-beni mmobbli fl-epoka tal-mewt tiegħu:

1. ċirka nofs siegħ raba' bagħli msejjaħ "tat-Tork" imiss tramuntana u lvant ma' beni ta' Tarcisio Buttiġieġ, nofsinhar beni ta' Natu Mizzi u punent beni ta' Michael Muscat, muri fuq il-pjanta a fol. 84 tal-proċess, stmat tal-valur ta' Lm200;

2. ċirka siegħ raba' bagħli imsejjaħ "ta' Semper", imiss mil-Lvant ma' beni tal-mejjet Salvu Buttiġieġ, nofsinhar ma' beni tal-mejjet Francis Muscat u punent beni tal-mejjet Salvu Magro, muri fuq il-pjanta a fol.98, stmat Lm500;
3. ċirka sitt sigħan raba' bagħli imsejjaħ "ta' l-Andar ix-Xagħri," tmiss tramuntana u punent ma' beni ta' Salvu Buttiġieġ, nofsinhar beni ta' Salvu Cutajar u lvant ma' passaġġ, muri fuq il-pjanta a fol.83, stmata Lm3000.

Id-decujus Rosa Buttiġieġ kellha s-segwenti beni mmobbli fl-epoka tal-mewt tagħha:

1. ċirka nofs siegħ raba' bagħli "ta' Wied Biljun", imiss punent beni tal-mejjet Paul Camilleri, lvant beni ta' Feliċ Portelli, tramuntana beni ta' Gamri Borġ u nofsinhar beni ta' Salvu Vella, muri fuq il-pjanta a fol.88, stmat Lm200;

2. ċirka siegħ raba' bagħli "ta' Semper", imiss nofsinhar ma' beni tal-mejjet Paul Camilleri, tramuntana ma' beni tal-mejjet Salvu Mizzi, lvant mal-beni tal-mejjet Salvu Magro, u punent ma' beni ta' Joseph Abela, muri fuq il-pjanta a fol. 85, stmat Lm500;

3. ċirka siegħ raba' bagħli imsejjaħ "ta' Ciluqq" imiss lvant beni tal-mejjet J. Sultana, nofsinhar beni tal-mejjet Paul Camilleri u tramuntana beni ta' Anglu Buttiġieġ, muri fuq il-pjanta a fol.91, stmat Lm334.

Ma rriżultaw ebda beni mmobbli jew effetti oħra fil-massa ereditarja u għalhekk l-assi tal-mejtin Paul u Rosa konjugi Buttiġieġ jiġu li jikkonsistu biss f'dawk il-biċċiet raba' hawn fuq indikati, tal-valur komplessiv ta' erbat elef seba' mija erbgħa u tletin lira maltija (Lm4734), jew aħjar illum ħdax il-elf u sebgħa u għoxrin euro (€11027). Billi dawn il-beni, kif anke ikkonferma l-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu, mhumiex komodament diviżibbli bejn daqstant kondividendi, il-qasma għandha ssir billi dawn il-beni jinġiebu għall-bejgħ b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat, wara li jintaqgħu l-ispejjeż, relattivi għal din il-kawża, jinqasam

bejn l-istess kondividendi, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

1. tiċħad l-ewwel talba għax, fiċ-ċirkostanzi, ma kienx il-każ, u l-għaxar talba wkoll billi l-beni in divizjoni ma kienux komodament diviżibbli; u

2. tilqa' t-talbiet l-oħra, u tiddikjara li l-beni in diviżjoni, sew dawk appartenenti l-assi ereditarji tad-decujus Paul Buttiġieġ, kif ukoll dawk appartenenti l-assi ereditarji tad-decujus martu Rosa Buttiġieġ, huma l-porzjonijet raba' kif deskritti u stmati mill-A.I.C. Joseph Mizzi fir-relazzjonijiet tiegħu f'din il-kawża, u ndikati hawn fuq; u peress li dawn il-beni rriżulta li mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna li l-qasma għandha ssir billi dawn il-beni jinġiebu għall-bejgħ b'liċitazzjoni sabiex ir-rikavat, wara li jintaqgħu l-ispejjeż, relattivi għal din il-kawża, jinqasam bejn l-istess kondividendi, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu.

Billi din hija kawża dwar id-divizjoni ta' beni ereditaji, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati wkoll bejn il-kondividendi, kulħadd skond is-sehem tiegħu minn dawn il-beni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------